**Mark kellu buli daqsiex. Kien ilu ġimgħa sħiħa jsabbat il-kotba fuq il-mejda hekk kif jasal id-dar. L-ewwel ma kienet teħel miegħu kienet oħtu ż-żgħira ta' ħames snin...**

**Mark (lil oħtu):** Inti sew, għax ma jkollkomx *homeworks* u studju x'tagħmel bħali. Ilni ma nara ftit *television* ġimgħa sħiħa. Dil-ġimgħa anke t-*training* tal-futbol tlift għax ma stajtx inlaħħaq.

**Claire:** Imma int issa bdejt tikber u bilfors trid tistudja biex tgħaddi mill-ezami...

*Omm Mark mal-ewwel fehmet għaliex Mark kellu dawk in-nervi kollha. Issa kien ilu aktar minn ġimgħa li beda sena skolastika ġdida u tassew l-għalliema kienet tagħtihom ħafna x jistudjaw.*

**Omm:** L-iskola hija importanti ħafna għal ħajtek Mark. Is-sagrifiċċju li tagħmel issa tgawdih wara.

**Mark:** Jien niddejjaq il-ħin kollu bilqiegħda. Mhux li kien l-iskola imur min irid biss! Kieku jien l-ewwel wieħed li nibqa' barra!

**Omm:** Imbagħad kif titgħallem tikteb u taqra, ibni?

**Mark:** Li tkun taf taqra l-gazzetta biżżejjed. Xorta tkun taf x'jiġri madwar id-dinja! U biex taħdem somma kemm taqbad il-*calculator* u jaħdimlek kollox hu.

*Omm Mark xtaqet tgħidlu ħafna affarijiet imma ppreferiet tibqa' siekta għall-argumenti tiegħu. Hi stess ftit li xejn kienet taf skola u llum tassew jiddispjaċiha.*

## <u>Xogħol Fi Gruppi</u>

**Punti Ta' Riflessjoni**

1. **Tħoss li Mark kellu raġun jgħid li l-iskola għandu jmur min irid biss?**
2. **Aħseb fi tliet raġunijiet għaliex immorru l-iskola?**
3. **Kieku kont flok omm Mark x'parir kont tagħti lil ibnek biex isir iħobb l-iskola?**
4. **Barra l-iskola, Mark kien imur il-MUSEUM u l-futbol. Għaliex importanti li f'ħajtek tattendi xi għaqda u mhux skola biss? Int tattendi xi għaqda barra l-MUSEUM?**